# NOTA DUTRINALI U PASTORALI

## mill-Isqfijiet Maltin lis-Saċerdoti dwar l-impenn u l-imġieba fir-rigward taż-żwieġ u l-familja

Għeżież kollaboraturi tagħna,
Konxji mill-piż li qed iġġorru intom is-saċerdoti, flimkien magħna l-isqfijiet, bħala għalliema u gwidi tad-dixxipli tal-Mulej u ta' dawk li qegħdin ifittxu s-sewwa dwar il-ġmiel taż-żwieġ, ħassejna li għandna noffrulkom din in-nota dutrinali u pastorali.

Qegħdin ngħixu f'ċirkostanzi li, kif sejjaħnielhom fl-aħħar Ittra Pastorali tagħna, huma żmien ta' grazzja biex permezz ta' katekeżi u ħidma pastorali, ngħinu biex mill-ġdid tinbena kultura favur iż-żwieġ. Hija xewqa tagħna li din « in-nota dutrinali u pastorali » tgħinkom f'din il-missjoni tagħkom.

### In-natura taż-żwieġ

Iż-żwieġ hu min-natura tiegħu stabbli u permanenti. L-istabbiltà u l-permanenza huma għall-ġid tal-miżżewġin infushom u tal-ulied. L-istess liġi ċivili dwar iż-żwieġ għandha l-għan li tagħti forma pubblika u soċjali u twieżen lil dak li wieħed hu mistenni jgħix fil-ħajja privata: l-imħabba u l-fedeltà tal-istess miżżewġin u t-trobbija tal-ulied. **Bid-divorzju ż-żwieġ ma jibqax aktar dejjiemi. Għalhekk id-divorzju jmiss u jbiddel l-istess natura taż-żwieġ. Il-liġi li ddaħħal id-divorzju hija soluzzjoni ġuridika li tfarrak il-permanenza u l-istabbiltà tal-istituzzjoni taż-żwieġ għax tibdillu n-natura tiegħu.**

Hemm differenza kbira bejn dikjarazzjoni ta' nullità u divorzju. Iż-żwieġ jitwieled bil-kunsens li bih l-għarajjes b'rieda ħielsa jingħataw lil xulxin għal dejjem. Dikjarazzjoni ta' nullità tagħraf li f'dak il-kunsens kien hemm difett sustanzjali li ma ħalliex ir-rabta sseħħ; filwaqt li d-divorzju huwa deċiżjoni fuq għażliet li l-miżżewġin ikunu għamlu matul il-ħajja miżżewġa: **id-divorzju jkisser ir-rabta taż-żwieġ li kienet teżisti.**

### Persuni mhux miżżewġa f'relazzjoni stabbli

L-Istat hu fid-dmir li jirregola d-drittijiet u d-dmirijiet ta' bejn raġel u mara li qegħdin f'relazzjoni stabbli, liema stabbiltà mhix konfermata uffiċjalment b'mod legali. F'dan ir-rigward, il-leġiżlaturi għandhom joqogħdu attenti li ma joħolqux xi forma ġuridika li tmiss il-permanenza taż-żwieġ; b'danakollu, tajjeb li lil persuni li jinsabu f'relazzjoni stabbli imma mhux uffiċjalment approvata, tingħatalhom protezzjoni legali dwar ċerti konsegwenzi ċivili.

### Il-ġid u d-dritt fundamentali tal-ulied għal familja u żwieġ permanenti

Qabel kull esperjenza oħra, il-bniedem jagħmel esperjenza ta' iben jew bint frott ta' koppja ta' raġel u mara. Li bniedem jirċievi is-sikurezza fih innifsu, frott l-imħabba tal-ġenituri, u li jidħol fil-ħajja soċjali tant kumplessa, mgħejjun mill-ġenituri tiegħu, huwa patrimonju imprezzabbli li lkoll ħadnih jew talinqas xtaqnih mill-familji tagħna.

Iż-żwieġ permanenti, barra li huwa prinċipalment ta' ġid għall-miżżewġin infushom, huwa l-ambjent naturali u xieraq għall-ġid tal-ulied għax joffrilhom imħabba u trobbija sħiħa. Barra minn hekk, l-imħabba stess, meta hi vera, hi minnha nfisha dejjiema. Is-soċjetà u l-Istat għandhom kull interess li kull familja tkun stabbli, tgħix f'armonija u tkun miftuħa għall-ħajja. Għall-istess soċjetà, il-familja hija ġid li ma tistax tkejlu għax toffri garanzija tal-ħajja u tal-futur tal-istess soċjetà. **Għaldaqstant, il-Knisja titlob lil-leġiżlatur li jiddefendi u jsaħħaħ il-familja mibnija fuq żwieġ stabbli u permanenti.**

### Iż-żwieġ fil-pjan t'Alla

Dwar iż-żwieġ, kliem Kristu hu ċar u jikkonferma r-rieda tal-Missier li « sa mill-bidu tal-ħolqien... dak li għaqqad Alla m'għandux jifirdu l-bniedem » (ara Mk 10,6-9). Dan juri li ż-żwieġ hu minnu nnifsu permanenti.

In-Nisrani jemmen li għal kull bniedem iż-żwieġ huwa sejħa u missjoni minn Alla u li bejn l-imgħammdin hu sagrament. Min dieħel għaż-żwieġ Nisrani għandu jifhem il-kobor, il-ġmiel u d-dinjità taż-żwieġ, bl-impenji marbuta miegħu, u għalhekk iħoss il-ħtieġa li jieħu sehem sħiħ fil-ħajja tal-Knisja u li jgħix it-twemmin Nisrani.

Meta ngħidu li Ġesù għolla ż-żwieġ bejn l-imgħammdin għad-dinjità ta' sagrament inkunu qed nifhmu li min jiċċelebrah, jiġifieri l-miżżewġin infushom, jiksbu mingħand il-Feddej il-qawwa, li nsejħulha grazzja, li biha jkunu jistgħu jgħixu l-ħajja miżżewġa fil-milja tagħha. Meta jiċċelebraw is-sagrament taż-żwieġ, il-miżżewġin f'isem Kristu jagħtu lil xulxin il-grazzja tas-sagrament u din l-għotja tibqa' bħala impenn tul ħajjithom kollha. Kristu nnifsu għażel li jintrabat magħhom b'rabta li ma tinħallx, tant li fihom b'mod speċjali, jiġifieri fil-miżżewġin Insara, Hu jkompli jgħix ir-rabta tal-

għerusija tiegħu mal-Knisja. Fi kliem ieħor, il-koppja Nisranija hija sagrament tal-imħabba ta' Kristu għall-Knisja tiegħu, jiġifieri sinjal effettiv tal-imħabba u l-għotja sħiħa tiegħu nnifsu għall-bnedmin. Hekk Kristu nnifsu jsir għall-miżżewġin Insara mudell u għajnuna fil-mod ta' kif huma wkoll għandhom iħobbu u jingħataw għal xulxin.

Il-Kelma t'Alla, li nsibuha miktuba fil-Kotba Mqaddsa, tagħtina għarfien aktar żgur u sħiħ fuq il-bniedem, fuq in-natura u s-sejħa tiegħu u fuq ir-realtajiet li jmissu l-bniedem. Dan l-għarfien jikkonferma dak li l-bniedem jista' jasal għalih bir-raġuni umana.

**Dmir tal-Knisja li ddawwal il-kuxjenzi**

Il-Knisja għandha responsabbiltà li ddawwal dejjem il-kuxjenza tal-Kattoliċi u ta' dawk li qegħdin ifittxu l-verità ħalli jsibu u jgħixu l-viżjoni Nisranija tal-bniedem u tas-soċjetà fl-impenji tagħhom ta' kuljum, kemm personali, kif ukoll dawk soċjali. Il-Knisja tagħmel dan billi toffrilhom raġunijiet validi u tagħlim imdawwal mill-fidi biex kull bniedem jgħix ħajja li tkun tixraq lid-dinjità tiegħu f'relazzjoni mal-oħrajn.

Il-Knisja dejjem kellha u għandha għal qalbha l-familja. Hija fid-dmir li tagħti s-sehem tagħha fejn tidħol il-familja għall-istess ġid tal-miżżewġin, tal-ulied u tal-istess soċjetà.

**In-Nisrani u l-kuxjenza personali**

**Id-deċiżjoni li jivvota favur jew kontra l-liġi tad-divorzju, in-Nisrani jrid jeħodha fid-dawl tat-twemmin tiegħu. Għan-Nisrani liġi li tagħmel iż-żwieġ mhux dejjiemi tmur kontra r-rieda tal-Missier. Għalhekk, in-Nisrani li hu favur id-divorzju joħloq firda bejn dak li jemmen u dak li ser jagħżel, liema għażla se jkollha konsegwenzi irreparabbli.**

Fil-ħidma pastorali tagħna, aħna s-saċerdoti għandna d-dmir li ngħinu lin-Nisrani jagħmel **ġudizzju rett tal-kuxjenza dwar iż-żwieġ skont il-Kelma t'Alla**, fid-dawl tal-Maġisteru tal-Knisja, inkluż it-tagħlim soċjali tagħha dwar il-ġid veru tal-persuna u tas-soċjetà. **Meta n-Nisrani jagħraf li l-ġudizzju tiegħu ma jkunx jaqbel mat-tagħlim ta' Kristu kif twassalhulna l-Knisja, hu ma jkunx ħieles mill-ħtija jekk ma jġibx il-ġudizzju tiegħu jaqbel ma' dak it-tagħlim - għax meta konxjament u liberament jikser il-liġi morali, jkun qed jikser ir-relazzjoni tiegħu ma' Alla, il-Missier ta' Sidna Ġesù Kristu.**

**Politiċi u leġiżlaturi Kattoliċi**

Tajjeb li niftakru kliem il-Papa Benedittu XVI fl-eżortazzjoni *Sacramentum caritatis*: « il-politiċi u l-leġiżlaturi Kattoliċi, konxji mir-responsabbiltà serja soċjali tagħhom, għandhom jimxu fuq **kuxjenza ffurmata sewwa** u jippreżentaw u jsaħħu liġijiet ispirati mill-valuri li nsibu fl-istess natura tal-bniedem, fosthom dawk li jmissu l-familja mibnija fuq żwieġ bejn raġel u mara » (n.83). **Il-leġiżlatur li ma jimxix fuq fundament etiku fit-tfassil tal-liġijiet, ikun qed jagħmel ħsara lill-bniedem u lis-soċjetà.**

**Mentalità divorzista tmermer b'mod irreparabbli r-rabta taż-żwieġ, u d-dħul tad-divorzju permezz tal-liġi ċivili dejjem idgħajjef il-mod kif nifhmu u ngħixu ż-żwieġ dejjiemi. Dan joħloq pjaga soċjali u effetti ħżiena għas-soċjetà, kif ġara f'pajjiżi oħra.**

**Min ma jemminx u l-ordni morali oġġettiv**

Safejn nistgħu, għandna ngħinu wkoll lil dawk li mhumiex membri tal-Knisja, jew li jħossuhom barra minnha, u qed ifittxu l-verità, biex jifhmu li huma għandhom id-dmir li f'kuntest ta' ordni morali oġġettiv, fil-proposti li jagħmlu dwar iż-żwieġ u l-familja, jagħmlu għażliet favur il-persuna, iż-żwieġ, il-familja: liema valuri huma fost l-akbar wirt ta' pajjiżna.

**Il-ħtieġa tat-talb**

Nagħlqu din in-nota billi nirrakkomandawlkom li l-ministeru tagħkom u tagħna, bħala għalliema u gwidi, ikun sostnut b'ħajja ta' talb. Għax qabel ma nitkellmu mal-bniedem, huwa meħtieġ li nitkellmu ma' Alla dwar il-bniedem u dak kollu li jsawwar il-ħajja tal-bnedmin, inkluż iż-żwieġ u l-familja, u nisimgħu b'attenzjoni ta' wlied dak li Alla għandu x'jgħidilna dwar dan.

Nitolbu fuqkom il-barka tas-Sema.
Illum, 19 ta' Marzu 2011, Sollennità ta' San Ġużepp.

+ Pawl Cremona O.P.
Arċisqof ta' Malta

+ Mario Grech
Isqof ta' Għawdex

+ Annetto Depasquale
Isqof Awżiljarju ta' Malta

*"In-Nisrani li hu favur id-divorzju joħloq firda bejn dak li jemmen u dak li jagħżel...*
*Mentalità divorzista tmermer b'mod irreparabbli r-rabta taż-Żwieġ..."*

# *AZZJONIJIET MORALMENT ĦŻIENA MA JISTGĦUX JIĠU ĠĠUSTIFIKATI*

**Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech**
**Festa ta' San Ġużepp Parroċċa Qala – Is-Sibt, 19 ta' Marzu**

### Ġużeppi jagħżel li jikkopera mal-pjan ta' Alla

Dawk illi jikkoperaw ma' Alla jiswielhom ta' ġid. Meta naħdmu id f'id ma' Alla, din il-koperazzjoni tissarraf f'barka fuqna u fuq uliodna. Jekk irridu prova ta' dan, nikkontemplaw lil San Ġużepp, illi huwa mudell ta' kif il-bniedem għandu jikkopera mat-tajjeb, kif il-bniedem għandu jikkopera ma' Alla. Il-barka li kiseb Ġużeppi għalih u għad-dixxendenti tiegħu hija konferma tal-barka illi Alla jxerred fuqna.

Ġużeppi huwa dak li ħadem id f'id ma' Alla biex seta' jseħħ il-misteru tal-inkarnazzjoni, jiġifieri biex Kristu l-Iben ta' Alla sar bniedem u għammar fostna. Ma nistgħux ngħidu illi għal Ġużeppi kien kollox ħafif meta ntalab biex jikkopera ma' Alla. Imma Ġużeppi offra l-koperazzjoni tiegħu lil Alla anke meta ma setgħax jifhem lil Alla; imma l-fidi tiegħu fih, il-fiduċja f'Alla bħala għajn tas-sewwa, wasslet lil Ġużeppi biex jagħmel għażliet tajbin.

Il-Vanġelu jirrakkonta li meta Ġużeppi sar jaf illi Marija kienet qed tistenna tarbija, ir-reazzjoni inizjali tiegħu kienet illi jtellaqha bil-moħbi (Mt 1:19). Hemm min jgħid illi Ġużeppi ħa din it-triq propju għaliex tant ħassu ċkejken quddiem il-misteru hekk kbir li kien qed iseħħ fi ħdan Marija; tant ħassu ndenn joffri l-koperazzjoni tiegħu ħalli l-Iben ta'Alla jsir bniedem, illi ried jitbiegħed minnu – qisu ħassu żgħir fil-preżenza tas-sagru.

Imma nistgħu nagħtu interpretazzjoni oħra ta' din il-ġrajja: meta Ġużeppi sar jaf illi Marija kienet qed tistenna tarbija li ma kinitx minn tiegħu, ta' bniedem li kien seta' ssuspetta illi din il-ħlejqa fi ħdan Marija kienet frott ta' relazzjoni barra miż-żwieġ – bħal seta' ssuspetta illi Marija kienet waqgħet fl-adulterju. Biex Ġużeppi ma jikkoperax ma' dak li hu seta' ħaseb li kien ħażin u biex lil Marija ma jgħattilhiex il-ħażen tagħha, jiddeċiedi li jtellaqha. Imbagħad kien l-anġlu illi jidher lil Ġużeppi u jgħidlu: "Ġużeppi, xejn la tibża' tieħu lil Marija għandek, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu" (Mt 1:20). Hemmhekk Ġużeppi għeleb id-dubji u l-biża' u fetaħ dirgħajh mill-ġdid għal Marija.

### Koperazzjoni f'azzjonijiet moralment ħżiena

Din it-tieni interpretazzjoni twassalni biex nirrifletti dwar sitwazzjonijiet illi ngħaddu minnhom aħna fejn insibu quddiem għajnejna għażliet li fihom infushom huma ħżiena. Fil-ħajja tagħna ġieli nsibu quddiem wiċċna azzjoni illi hi ħażina, u bl-ebda mod ma nista' niġġustifika li noffri l-koperazzjoni tiegħi biex issir ħaġa li hi intrinsikament ħażina.

Nagħtu eżempju. Ikun hemm tfajla li toħrog tqila barra miż-żwieġ. Ta' bnedmin li aħna ma nistgħux ngħidu illi ma jiġix f'moħħna u f'qalbna l-ħsieb illi biex insalvaw it-tfajla-omm nagħmlu abort billi noqtlu t-tarbija. L-abort huwa azzjoni fiha nnifisha ħażina li b'xejn ma tista' tkun iġġustifikata.

Nassumu li din it-tfajla-omm tasal l-isptar u tidħol għall-operazzjoni biex ineħħulha l-ħajja minn ġo ħdana. Min ħa jagħmlilha dik l-azzjoni biex joqtol it-tarbija jkun jikkopera ħalli ssir azzjoni li hi intrinsikament ħażina: il-qtil ta' persuna. Min għandu kuxjenza retta jaf illi ma jistax jipparteċipa f'dan id-delitt. Għalhekk hemm dik li tissejjaħ l-oġġezzjoni tal-kuxjenza. Hekk, meta infermiera fl-isptar kumbinazzjoni tkun fis-sala tal-operazzjonijiet flimkien mat-tim mediku biex tikkopera f'din l-azzjoni ħażina, din l-infermiera għandha d-dritt illi tagħmel oġġezzjoni tal-kuxjenza u tgħid li ma tistax tissieħeb f'dik l-azzjoni abortiva.

**Din il-koperazzjoni fil-ħażin xejn ma jista' jiġġustifikaha, l-anqas il-ħniena. Ġieli tisma' min iħoss qalbu tingħasar għax jekk inħallu t-tarbija titwieled, "miskina" dik it-tfajla-omm għax il-futur tagħha huwa mkisser! Kas ieħor ta' ħniena falza huwa meta nindunaw illi dik it-tarbija għandha xi forma ta' deformazzjoni u nibdew nirraġunaw illi jekk din it-tarbija titwieled, ser nagħmlulha deni kbir. Għalhekk għal xi wħud is-soluzzjoni f'dawn il-każijiet hija li ntemmu l-ħajja tat-tarbija! Għalhekk, xejn, l-ebda t-taparsi ħniena ma tista' tiġġustifika għemil li hu intrinsikament ħażin; ebda ħniena jew raġuni oħra ma tista' tiġġustifika l-koperazzjoni f'azzjoni ħażina. Huwa prinċipju gwida li l-iskop ma jiġġustifikax il-mezzi! Jekk jiena ma għandix flus biex niddeverti, ma nistax nisraq lil ħaddieħor – l-iskop ma jiġġustifikax illi nisraq!**

### Responsabbiltà morali gravi quddiem għażla tad-divorzju

Qed nagħmel din il-premessa biex bħala Ragħaj tagħkom, kif inhu dmir tiegħi, ngħinkom tiffurmaw kuxjenza anke fis-sitwazzjoni attwali ta' pajjiżna meta għaddejja diskussjoni dwar jekk żwieġ għandux jiġi rispettat bħala żwieġ dejjiemi, jiġifieri żwieġ li la darba jsir u jsir sewwa jibqa' għal dejjem, jew inkella nistgħux nadottaw liġi li tippermetti azzjoni illi tkisser iż-żwieġ li min-natura tiegħu hu dejjiemi. Dan jgħodd aktar u aktar jekk iż-żwieġ naturali jkun bejn l-Insara u allura

huwa "żwieġ sagrament", fejn il-karatteristika dejjiema tiegħu hija ssiġillata u msaħħa!

**Deċiżjoni li tfieri żwieġ dejjiemi hija deċiżjoni intrinsikament ħażina. Min lwettaq din l-azzjoni għandu r-responsabbiltà morali ta' dik id-deċiżjoni li jkun għamel, sew meta jadattaha għalih innifsu, fis-sens illi jkun jeskludi l-indissolubbiltà taż-żwieġ, kif ukoll meta wieħed jikkopera biex jippromovi din l-idea ta' żwieġ li jinħall jew inkella jagħti s-sehem tiegħu f'soċjetà demokratika biex din is-soċjetà jkollha liġi li tmur kontra żwieġ dejjiemi Din ir-responsabbiltà morali nġorruha mhux biss minħabba l-konsegwenzi negattivi li ġġib magħha din l-għażla, imma wkoll għaliex iż-żwieġ min-natura tiegħu stess huwa permanenti u stabbli. Kif għedt li ma hemm l-ebda raġuni illi tista' tiġġustifikana biex nagħmlu l-abort, hekk ukoll ngħid għal min jgħaddilu minn moħħu li jagħmel deċiżjoni li tmur kontra n-natura dejjiema u l-istabbiltà taż-żwieġ – qed nitkellem mhux biss minn żwieġ sagrament, imma anke dwar iż-żwieġ naturali.**

**Kif fil-kas tal-abort għandha tingħata attenzjoni għaliex dawk li jaqblu mad-divorzju jressqu taparsi raġunijiet li jiskużawna, wieħed ma jistax jaċċetta li jikkopera fil-ħażin ħalli mbagħad jagħti l-libertà lil ħaddieħor biex jagħmel l-għażla tiegħu. Inkunu nidħku b'dak li jkun jekk biex taparsi nagħtuh id-dritt illi jeżerċita l-libertà tiegħu nipprovdulu ħwejjeġ illi fihom infushom huma ħżiena. Lanqas huwa raġunament għaqli jekk ngħid li d-divorzju ma rridux għalija imma għal dawk il-ftit jew il-ħafna illi ż-żwieġ tagħhom tkisser biex ikunu jistgħu jidħlu għal żwieġ ieħor. Dik ma hi ħniena xejn, għaliex kif diġà għedna ma hemm ebda skop tajjeb illi jagħmel tajba azzjoni illi fiha nfisha hija ħażina.**

**Deċiżjoni personali quddiem Alla**

Qegħdin nikkontemplaw lil San Ġużepp bħala dak illi kkopera mat-tajjeb, dak illi ħadem id f'id ma' Alla. Kif għedna fil-bidu, x'ħin Ġużeppi kellu d-dubju illi seta' kien ser jikkopera mal-ħażin, waqaf, ħaseb u ħa azzjoni ta' bniedem ġust u responsabbli li kien. Nitolbu lill-missier tagħna Ġużeppi ħalli jifrex il-patroċinju tiegħu fuqna u fuq s-soċjetà kollha tagħna, ħalli f'dawn il-ġimgħat illi ġejjin aħna nirriflettu u niżnu x'deċiżjoni ser niġu mitluba nagħmlu, biex kull wieħed u waħda minna nerfgħu r-responsabbiltà tagħna quddiem Alla u quddiem l-istorja u ma mmorrux nikkoperaw mal-ħażen. Koperazzjoni ma' azzjoni ħażina ġġib magħha wkoll ir-responsabbiltà, u dan il-piż morali aktar jikber aktar ma jkunu kotrana l-konsegwenzi negattivi tal-azzjoni tagħna.

Għall-kuntrarju, flok ma nikkoperaw mal-ħażen, ejjew noffru l-koperazzjoni tagħna ma' dak illi huwa t-tajjeb, ma' dak illi mas-snin ġie ppruvat illi huwa tajjeb, ma' dak illi r-raġuni tgħidilna li huwa tajjeb dwar iż-żwieġ, ma' dak illi Kristu nnifsu jgħidilna dwar iż-żwieġ! **Nikkoperaw mat-tajjeb jimplika li ma għandniex naħarbu l-mument tar-responsabbiltà billi nitfgħu wara spallejna d-dritt ċivili tagħna li nivvutaw. Hemm bżonn neżerċitaw id-drittijiet kollha tagħna ħalli, filwaqt li nikkoperaw mat-tajjeb, nagħtu kontribut biex inpoġġu pedament sod għas-soċjetà tagħna, soċjetà li tkun mibnija fuq żwieġ dejjiemi u stabbli bejn raġel u mara.**

Għalhekk nerġa' ntennilkom l-appell li għamilt fil-bidu tax-xahar Ġużeppin fl-ittra li bgħatt lill-Knisja tagħna u ħeġġiġtkom sabiex titolbu lil Alla bl-interċessjoni ta' San Ġużepp, sabiex f'din is-siegħa Ġużeppi jieqaf magħna, jeħlisna mid-dlamijiet, mill-iżbalji u mill-erruri, u tinżel fuqna x-xita tal-grazzja ta' Alla mis-sema. Ammen.

# *AZZJONI PASTORALI GĦAL PERSUNI SEPARATI*

Meta nhar is-Sibt 22 ta' Jannar Mons. Isqof Mario Grech indirizza l-Laqgħa Ġenerali li saret fl-iskola Santa Monika, l-Imsida u li għaliha attendew koppji membri tal-Grufan fi ħdan il-Moviment ta' Kana, huwa tkellem dwar l-ispiritwalità tal-persuni separati.

"Għalkemm min-natura tiegħu kull żwieġ huwa dejjiemi, l-esperjenza tixhed li hawn żwiġijiet li tħarbtu u l-miżżewġin kellhom jisseparaw. Ħafna drabi persuni separati jgħaddu minn esperjenza trawmatika mhux biss għax ifalli l-ikbar proġett ta' ħajjithom, imma wkoll għax iġarrbu sens ta' abbandun soċjali u spiritwali. Sfortunatament hemm nies separati li jaħsbu li huma minsijin minn Alla u mill-Knisja.

Ikun żball jekk fil-Knisja dawn il-persuni jkunu ttraskurati jew esklużi. Il-preżenza tagħhom titlob azzjoni pastorali ġdida u urġenti. Min ipoġġi lil dawn il-persuni fil-periferija tal-ħajja tal-komunità ekkleżjali ikun qed jirriskja bil-kbir id-dehra tal-Knisja li rċeviet il-mandant li tkun bxara tajba anki quddiem realtà komplessa bħal din".

**Nota tad-Direzzjoni:**
Dawn l-erba' paġni ta' Dokumentazzjoni qed jingħataw bħala żieda mar-rivista u b'rigal lill-qarrejja tagħna, fuq talba ta' ħafna, biex jiġu migbura u kkonservati l-aqwa diskorsi, omeliji u ittri pastorali ta' Mons. Isqof Mario Grech. Dawn il-folji kulur safrani jistgħu faċilment jinqalgħu minn ġo nofs ir-rivista biex jiġu migbura flimkien u llegati separatament mir-rivista.